

Brussell, 6 ta' Settembru 2018
(OR. en)

11806/18

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0067(NLE)**

**RECH 360
USA 21
RELEX 711**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	7423/18 RECH 113 USA 11 RELEX 252
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-estensjoni tal-Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka - Adozzjoni

1. Fit-22 ta' Marzu 2018 il-Kummissjoni ppubblikat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li testendi b'ħames snin il-Ftehim eżistenti dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka.
2. Wara l-laqgħa tiegħu fil-11 ta' April 2018 il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka qabel li jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.
3. Fl-4 ta' Ġunju 2018 il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-estensjoni tal-Ftehim lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
4. Waqt is-sessjoni plenarja tiegħu tat-3 ta' Lulju 2018, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-estensjoni tal-Ftehim.

5. Konsegwentement, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" f'sessjoni li jmiss, jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-estensjoni tal-Ftehim kif tinsab fid-dokument 8166/18, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti.
-